## Tinsiex!

**Ħinijiet tal-Uffiċċju għall-Pubbliku**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 ta' filgħodu sal-4.30 ta' filgħaxija.

**Berġa**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-11.30 ta' filgħodu sa nofsinhar.

**Ħlas tal-Kontijiet tat-*Telephone***

Kull nhar ta' Erbgħa mit-8.15 ta' filgħodu sal-11.30 ta' filgħodu.

**Ħlas ta' Multi**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu sal-4.00 ta' filgħaxija.

**Ħlas tal-Kontijiet tal-Kera/Ċens/Permess/Okkupazzjoni maħruġ mid-Dipartiment tal-Artijiet**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu sal-4.00 ta' filgħaxija.

**Servizz ta' *Photocopy***

Jingħata servizz ta' *photocopy* għal prezz ta' Lm0.02 *(€0.05)* kull faċċata daqs A4 u Lm0.05 *(€0.12)* kull faċċata daqs A3. Dan isir mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu sal-4.00 ta' filgħaxija.

**Ġbir ta' Skart Domestiku**

**MUNXAR** - Kuljum mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.00 ta' filgħodu 'il quddiem.

**XLENDI** - Kuljum mit-Tnejn sas-Sibt mit-8.30 ta' filgħodu 'il quddiem. Il-ġbir ta' skart fil-Ħdud jingħata mill-ewwel Ħadd ta' Lulju sa l-aħħar Ħadd ta' Settembru u l-ħin ikun fid-9.30 ta' filgħodu.

Ma jsirx ġbir ta' skart fi Btala Pubblika iżda jsir ġbir ta' skart meta l-Btala Pubblika taħbat Sibt jew Tnejn. Dan jgħodd għal Munxar u Xlendi.

**Servizz ta' *Open Skip***

Qed jitpoġġa *Open Skip* fi Triq Marziena, eżattament quddiem il-*borehole*, kull nhar ta' Sibt mit-8.00 ta' filgħodu sa nofsinhar.

***Bring in Sites***

Il-Kunsill introduċa żewġ *Bring in Sites*, wieħed fid-daħla tal-Munxar u l-ieħor fi Pjazza Anfori, Xlendi. Dawn jistgħu jintużaw f' kull ħin.

**Servizz ta' *Bulky Refuse***

Is-servizz ta' *Bulky Refuse* jista' jintuża billi wieħed iċempel lill-Kunsill fejn issir talba sabiex ħaddiema mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika jiġu jiġbru l-iskart goff.

**Batteriji Użati**

Kull min ikollu batteriji (żgħar) użati jista' jġibhom fl-Uffiċċju tal-Kunsill fejn hemm reċipjant apposta sabiex imbagħad jinġabru minn Uffiċjali tal-Waste Serv Ltd. biex jiddisponu minnhom.

**Lampi Maħruqa**

Meta tinħaraq xi bozza għandha tittieħed nota tan-numru mwaħħal magħha u tiġi rrapportata lill-Kunsill.

**Servizz ta' *Internet***

Qed jiġi offrut servizz ta' *internet* mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Dan huwa mingħajr ħlas u jkun miftuħ mit-8.30 ta' filgħodu sal-4.30 ta' filgħaxija mit-Tnejn sal-Ġimgħa.
Tista' ġġib il-*laptop* tiegħek sabiex jingħata servizz ta' Wi-Fi.

**Materjal Illegali fit-Toroq**

Kull min ikollu materjal tal-bini jew terrapien fit-toroq u anke' oġġetti għandu jikri *skip* u jitfa' kollox fih mill-ewwel. Ta' min ifakkar li biex tpoġġi materjal jew *skip* fit-triq trid tieħu permess mill-Kunsill.

**Depositu jew użu ta' Krejn jew Makkinarju**

Permessi għal depożitu jew użu ta' krejn jew makkinarju f' xi triq għandhom jintalbu lill-Kunsill 48 siegħa qabel.

**Bankini**

Ma huwiex permess li tipparkja l-karozza jew tingombra l-bankina b' xi oġġetti oħra.

**Ilmenti**

Filwaqt li l-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu azzjoni immedjata dwar l-ilmenti mressqa fil-Kunsill, is-soluzzjoni ta' dawn l-ilmenti tkun tiddependi minn Dipartimenti tal-Gvern, entitajiet Governattivi u kuntratturi privati.

**Ħlas ta' Liċenzji tal-Ħwienet, Ristoranti u Garaxxijiet**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 ta' filgħodu sal-4 ta' filgħaxija.

**Qatt żort il-*website* tagħna?**

Barra informazzjoni fuq il-Munxar u Xlendi, issib l-Aġenda u Minuti tal-laqgħat, *Live Web Cam* u anke' filmati ta' promozzjoni.

# KUNSILL LOKALI MUNXAR

**TRIQ PROFS. ĠUŻE' AQUILINA, MUNXAR MXR1012**
**Tel: 21558755 Fax: 21558787**
**e-mail: munxar.lc@gov.mt**
**Web Site: http://www.munxar.gov.mt**